2024/591

21.2.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/591

tal-20 ta' Frar 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 dwar l-istabbiliment ta' rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jidħlu fl-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari il-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 54(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 ([2]) jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni uniformi tar-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/625 li jidħlu fl-Unjoni. L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 jistabbilixxi l-lista tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra li huma soġġetti għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi b'rati ta' frekwenza speċifiċi.

(2) F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, ir-rati ta' frekwenza stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhom jiġu modifikati fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fil-punti (i), (ii), (iv), (v) u (vi) tal-Artikolu 54(3)(a), tar-Regolament (UE) 2017/625, il-kriterji stabbiliti fl-Anness II, u, fejn xieraq, fir-rigward tal-informazzjoni stabbilita fl-Anness III ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 6(2), ir-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi għall-pjanti, għall-prodotti mill-pjanti u għal oġġetti oħra, jew għall-kategoriji tagħhom, għandhom jiġu rieżaminati mill-inqas darba fis-sena, sabiex titqies l-informazzjoni l-ġdida miġbura permezz tal-IMSOC jew ipprovduta mill-Istati Membri, u modifikata skont dan.

(3) Il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma ta' esperti li eżamina s-sitwazzjoni tal-importazzjonijiet fl-2022 u fl-2023 ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra msemmija fl-Artikolu 47(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/625. Abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, il-grupp ta' ħidma indika r-rati minimi ta' frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li qies xierqa għal ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra minn pajjiżi terzi partikolari ta' oriġini.

(4) Intuża metodu bbażat fuq ir-riskju u fuq l-istatistika li jqis serje ta' varjabbli, li jinkludu: l-indiċi ta' mobbiltà stmat tal-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni fl-aktar stadju mobbli li fih jistgħu jiżviluppaw fuq il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra rilevanti, jew il-kategoriji tagħhom; l-għadd ta' kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, jew kategoriji tagħhom, li fuqhom twettqu l-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi matul is-sena ta' qabel; l-għadd totali, u d-dettalji ta', nuqqasijiet ta' konformità minħabba l-preżenza ta' pesti tal-kwarantina fl-Unjoni relatati ma' kunsinni importati skont dan ir-Regolament; l-għadd totali ta' kunsinni tal-oġġetti kkonċernati nnotifikati għal raġunijiet oħra għajr il-preżenza tal-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni u d-dettalji tagħhom; u kwalunkwe fattur ieħor rilevanti għad-determinazzjoni tar-riskju fitosanitarju assoċjat mal-kummerċ ikkonċernat.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 tas-7 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni uniformi tar-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 316, 8.12.2022, p. 42).

(5) B'mod partikolari, u prinċipalment minħabba għadd aktar baxx ta' interċettazzjonijiet ta' kunsinni affettwati minn pesti tal-kwarantina fl-Unjoni, ir-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi jenħtieġ li jitnaqqsu għall-fjuri maqtugħin *Dianthus* mit-Turkija, *Rosa* mill-Kolombja, frott tal-*Persea americana* mill-pajjiżi terzi kollha, *Prunus* u *Pyrus* minn pajjiżi terzi Ewropej, *Prunus persica* mill-Afrika t'Isfel u *Vaccinium* mill-Peru.

(6) Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li jitwettaq għadd minimu ta' verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi fil-każijiet kollha minkejja għadd aktar baxx ta' kunsinni importati għall-frott tal-*Passiflora* li joriġina fil-Kenja u *Vaccinium* mill-Arġentina, ir-rati ta' frekwenza minimi rispettivi tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi jenħtieġ li jiżdiedu.

(7) Ir-rati ta' frekwenza minimi tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi jenħtieġ li jiżdiedu minħabba interċettazzjonijiet ta' kunsinni affettwati minn pesti tal-kwarantina fl-Unjoni għall-fjuri maqtugħin *Rosa* mill-Kenja u *Rosa* mill-Etjopja, frott *Citrus* mill-Eġittu, għeruq u tuberi *Curcuma longa* u *Zingiber officinale* mill-Peru, u għeruq u tuberi *Curcuma longa* mit-Tajlandja.

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, il-linji kollha fl-Anness I fejn bħalissa hija prevista rata ta' frekwenza minima ta' 100 % jenħtieġ li jitħassru minħabba li din hija r-rata standard għall-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra kollha stabbilita fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389.

(9) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u dawk fiżiċi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 jenħtieġ li jiġu modifikati.

(10) Għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 jiġi sostitwit.

(11) Biex jingħata biżżejjed żmien lill-awtoritajiet kompetenti jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Mejju 2024.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

Rati ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi tal-kunsinni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, jew kategoriji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 4(3)

Pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, jew kategorija tagħhom	Pajjiż tal-oriġini	Rata ta' frekwenza minima tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi (%)
FJURI MAQTUGĦIN		
Aster	Iż-Żimbabwe	75
Dianthus	Il-Kolombja	3
Dianthus	L-Ekwador	15
Dianthus	Il-Kenja	5
Dianthus	It-Turkija	25
Gypsophila	L-Ekwador	5
Gypsophila	Il-Kenja	10
Phoenix	Il-Costa Rica	50
Rosa	Il-Kolombja	3
Rosa	L-Ekwador	1
Rosa	L-Etjopja	25
Rosa	Il-Kenja	25
Rosa	Iż-Żambja	50
FROTT		
Actinidia	Il-pajjiżi terzi kollha	10
Carica papaya	Il-pajjiżi terzi kollha	10
Fragaria	Il-pajjiżi terzi kollha	5
Persea americana	Il-pajjiżi terzi kollha	1
Rubus	Il-pajjiżi terzi kollha	5
Vitis	Il-pajjiżi terzi kollha	1
Malus	Pajjiżi terzi Ewropej [1]	15
Prunus	Pajjiżi terzi Ewropej [1] [2]	5
Pyrus	Pajjiżi terzi Ewropej [1]	50
Vaccinium	Pajjiżi terzi Ewropej [1]	50

Citrus	L-Eġittu	75
Citrus	Iżrael	35
Citrus	Il-Messiku	25
Citrus	Il-Marokk	3
Citrus	Il-Perù	10
Citrus	It-Turkija	7
Citrus	L-Istati Uniti tal-Amerka	50
Malus	L-Arġentina	35
Malus	Iċ-Ċilì	5
Malus	New Zealand	10
Malus	L-Afrika t'Isfel	15
Mangifera	Il-Brażil	75
Passiflora	Il-Kolombja	5
Passiflora	Réunion	10
Passiflora	L-Afrika t'Isfel	75
Passiflora	Il-Vjetnam	15
Prunus	Iċ-Ċilì	10
Prunus	L-Afrika t'Isfel	10
Prunus	It-Turkija	35
Pyrus	L-Arġentina	25
Pyrus	Iċ-Ċilì	15
Pyrus	L-Afrika t'Isfel	10
Vaccinium	L-Arġentina	50
Vaccinium	Iċ-Ċilì	10
Vaccinium	Il-Perù	5
	~~Ħ~~XEJJEX	
Solanum lycopersicum	Il-Gżejjer Kanarji	25
Solanum lycopersicum	Il-Marokk	1
~~Ħ~~xejjex tal-għeruq u t-tuberi, għajr it-tuberi tas-*Solanum tuberosum* L. ([3]) ([4])	Il-pajjiżi terzi kollha ([5])	5
Curcuma longa	It-Tajlandja	25

MAKKINARJU UŻAT		
Makkinarju u vetturi li jkunu tħaddmu għal skopijiet agrikoli jew tal-forestrija	Il-pajjiżi terzi kollha	10

([1]) L-Albanija, Andorra, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Faeroe, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Moldova, Monaco, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, ir-Russja (il-partijiet li ġejjin biss: id-Distrett Federali Ċentrali (Tsentralny federalny okrug), id-Distrett Federali tal-Majjistral (Severo-Zapadny federalny okrug), id-Distrett Federali tan-Nofsinhar (Yuzhny federalny okrug), id-Distrett Federali Kawkasu tat-Tramuntana (Severo-Kavkazsky federalny okrug) u d-Distrett Federali tal-Volga (Privolzhsky federalny okrug)), San Marino, is-Serbja, it-Turkija, l-Ukrajna u r-Renju Unit.

([2]) Għajr it-Turkija.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019, l-Anness VII, il-punt 12 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 103).

([4]) Bl-esklużjoni ta' *Curcuma longa* u *Zingiber officinale* mill-Perù, u *Curcuma longa* mit-Tajlandja.

([5]) Għajr il-Kamerun."